MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 34/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

1. **Diamond Promotions Company Limited**
2. **Joseph u Cristina miżżewġin Formosa**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-13 ta' Jannar, 2003, li bih il-kumpannija attriċi wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' attriċi Bank of Valletta p.l.c. ikkonċediet "Overdraft Facility" lis-soċjeta' konvenuta Diamond Promotions Company Limited;

Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tas-soċjeta' konvenuta Diamond Promotions Company Limited fis-somma ta'

tlettax-il elf, mitejn u tmenin liri maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm13,280.34) bilanċ għad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-soċjeta' Diamond Promotions Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz skrittura privata datata 8 t'Awissu 2000 (Dok. "B"), il-konvenuti Joseph u Cristina miżżewġin Formosa iggarantew flimkien u "in solidum" mas-soċjeta' Diamond Promotions Company Limited għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess soċjeta' Diamond Promotions Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.;

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' żewġ ittri uffiċjali datati 5 ta' Diċembru 2001 li kopja tagħhom qed jiġu hawn esebiti mmarkati Dok. "C" u Dok. "D", sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadempjenti;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lis-soċjeta' Diamond Promotions Company Limited u Joseph u Cristina miżżewġin Formosa jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom li s-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlettax-il elf, mitejn u tmenin liri maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm13,280.34) bilanċ għad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-soċjeta' Diamond Promotions Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati 5 ta' Diċembru 2001 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta' eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' attriċi;

Semgħet l-Avukat tas-soċjeta' attriċi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fiċ-ċitazzjoni tirriżulta pruvata;

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b'dan illi tikkundanna lis-soċjeta' Diamond Promotions Company Limited u Joseph u Cristina miżżewġin Formosa jħallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlettax-ilelf, mitejn u tmenin liri maltin u erbgħa u tletin ċenteżmu (Lm13,280.34) bilanċ għad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-soċjeta' Diamond Promotions Company Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."A") magħduda ukoll l-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma b'effett mill-1 t'Ottubru, 2002 sal-jum tal-ħlas effettiv, u bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittri uffiċjali datati 5 ta' Diċembru 2001 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid, kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------